MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 609/2009

**GO p.l.c. – C 22334**

**vs**

**Antonia Zammit I.D. 26066M u**
**Alfred Zammit I.D. 474862M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet lill-konvenuti l-hlas tas-somma ta’ elf, tmin mija u tmienja u disgha u tmenin centezmu (€188.89), liema ammont huwa dovut lis-socjeta’ attrici n konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21411656 (AC 40034121), skond diversi kontijiet mibghuta lilhom, u skond id-dokumenti anness ma l-avviz tat-talba markati bhala:
IZY 1 prospett ghas-servizz bl-akkont numru 40034121 (telefone 21411656)
IZY 2 ftehim dwar is-servizz telefoniku 21411656.

Illi l-konvenuti gew interpellati sabiex jghaddu ghall-hlas izda baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota ta’ riduzzjoni ta’ l-istess socjeta’ attrici pprezentata fit-3 ta’ Marzu, 2010 li permezz taghha l-ammont mitlub gie ridott ghal elf, tmin mija u tmienja u tletin Ewro u disgha u tmenin centezmu (€1838.89).

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lil konvenuti ihallasu is-somma kif ridotta ta’ elf, tmin mija u tmienja u tletin Ewro u disgha u tmenin centezmu (€1838.89), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------